**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta’ Marzu, 2018

Rikors Nru : 469/17 AL

AB

Vs

CB)

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-ewwel (1) ta’ Mejju tas-sena elf, disa` mija, tlieta u disghin (1993), certifikat taz-zwieg hawn anness u mAat **Dok. A**;

2. Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt *in atti* tan-Nutar Dottor Mario Rosario Bonello, datat sbatax (17) ta’ Marzu tas-sena elfejn u hamsa (2005) u li kopja tieghu qieghed jigi hawn anness u mAat **Dok. B**;

3. Illi miz-zwieg twieldet tifla u *cioe`* R, fl-ewwel (1) t'April tas-sena elf, disa` mija, hamsa u disghin (1995) u ghalhekk illum maggorenni;

4. Illi ma hemmx kwistjoni ta' manteniment bejn il-partijiet;

5. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi minbarra li ilhom aktar minn erba' (4) snin ma jghixux flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn ma' xulxin.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta;

Talab għar-raġunijiet fuq imsemmija, li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. 1 Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha eccepiet :

1. Illi qabel xejn hemm lok ghall-korrezzjoni fid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni hekk kif riportata fil-premessa numru 2 fis-sens illi s-sena ghandha tigi taqra elfejn u disgha (2009) u mhux elfejn u hamsa (2005)

2.Illi wahda mir-rekwiziti sabiex jinghata divorzju hekk kif stipulata fl-artikolu 66B tal-Kodici Civili hija mankanti peress illi kuntrarjament ghal dak li nghad mir-rikorrenti A B hemm dovut minnu manteniment komplessiv ammontanti ghal sbatax-il elf tlett mija u erbgha u disghin Ewro u sebgha centezmi (€17394.07) skont l-anness prospett (Dok. A); u dana kif jaf tajjeb l-istess rikorrenti A B li anke staqsa ghall-outstanding balance (Dok. B). U kemm il-darba t-talba ghad-divorzju tintlaqa` tkun aktar diifficli ghall-esponenti illi tikseb il-hlas tal-manteniment.

3.Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma hiex qed taghti l-kunsens taghha ghal divorzju stante illi ma thossx li ghandha taghmel hekk.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Jannar, 2018;

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi fir-risposta taghha l-intimata qeghda toggezzjona illi jinhall iz-zwieg bejn il-partijiet peress illi wahda mir-rekwiziti biex jinghata divorzju kif stipulat fl-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 hija mankanti peress illi hemm dovut manteniment mir-rikorrenti lilha komplessivament ammontanti ghas-somma ta' sbatax-il elf tlett mija u erbgha u disghin Ewro u sebgha centezmi (€17394.07) u esebiet prospett in sostenn ta' din l-allegazzjoni taghha;

Illi l-Qorti rat il-verbal taghha tat-22 ta' Frar 2018 li permezz tieghu Dr Abela ghar-rikorrenti ikkonfermat li l-ammont imsemmi mill-intimata fir-risposta taghha mhuwiex dovut peress illi hemm bzonn jigi emendat l-ammont u dana peress illi skont ir-rikorrenti, il-wild ma baqghetx tirrisjedi mal-intimata u dan mis-sena 2010 sa Marzu tas-sena 2013 u minn Ottubru 2013 sa Frar 2014. Dr Zammit ghall-intimata irrileva illi l-ammont dovut bhala manteniment huwa fil-verita dak imsemmi fir-risposta tal-intimata u fi kwalunkwe kaz il-kuntratt baqa qatt ma gie emendat u ghalhekk talab lill-Qorti sabiex tghaddi ghas-sentenza;

Illi l-Qorti peress illi rat illi l-intimata ghandha ragun legalment halliet ir-rikors ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat l-Artikolu 66 A tal-Kap. 16 u rat senjatament l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16; liema Artikolu jghid illi sabiex jinghata divorzju irid jigi ippruvat mir-rikorrenti illi fid-data li bdew il-proceduri ta' divorzju il-mizzewwgin kienu ghexu mhux flimkien ghal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw ghal, mill-inqas erba' snin matul il-hames snin minnufih precedenti. Irid jigi pruvat ukoll illi ma hemmx prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin u irid jigi ippruvat illi l-mizzewgin u kull wild qeghdin jircievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont ic-cirkostanzi partikoli taghhom. L-istess Artikolu ikompli jghid illi l-manteniment ordnat mill-Qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-mizzewgin f'kuntratt ta' separazzjoni ghandu jigi meqjus bhala manteniment adegwat;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi effettivament irrizulta illi r-rikorrenti ghandu jaghti manteniment lill-intimata u qieghed jikkontesta biss l-ammont.

Illi l-kontestazzjoni o meno tal-ammont allegatament dovut minnu mhuwiex mertu tal-proceduri odjerni u l-Qorti trid tkun sodisfatta biss illi r-rikorrenti ma ghandu jaghti l-ebda ammont lill-intimata, haga illi f'dan il-kaz certament ma gietx ippruvat, peress illi gie ippruvat illi r-rikorrenti ghandu jaghti ammont lill-intimata bhala arretrati ta' manteniment;

Ghaldaqstant wiehed mir-rekwiziti essenzjali sabiex zwieg jigi mahlul, u cioe' il-fatt illi ma hemmx manteniment dovut, ma giex sodisfatt u ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tichad it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti;